**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 284/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Aldo Tanti**

Seduta tal-4 ta' April, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Aldo Tatni detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 45168M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2017 u Jannar 2018 u Frar 2018, ġewwa l-Gzejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat naqas li jagħti lil Isabella Tanti, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu fi żmien

ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-6 ta' Gunju, 2018 li biha, fuq ammissjoni sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu għal xahrejn (2) priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Aldo Tanti, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar fit-22 ta' Ġunju, 2018 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tikkonferma** l-parti tas-sentenza li biha sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li din hija wahda sproporzjonata u eċċessiva u jressaq l-argument illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li l-appellant m'għandu ebda problemi mal-ġustizzja u li anke li kieku kellu xi kundanni precedenti kellu jinghata l-opportunita' li jirriforma ruhu;

2. Illi tajjeb li qabel kull konsiderazzjoni ohra jkunu mfakkra zewg moniti wisq drabi maghmulha minn din il-Qorti li l-ammissjoni ma ggib maghha ebda dritt awtomatiku ta' xi riduzzjoni jew *discount* fil-piena bil-konsegwenza li min jaghmel hekk jista' jistenna li tinghata dik il-piena erogabbli skond il-ligi. Inoltre u ugwalment importanti huwa dak rigward il-funzjoni ta' din il-Qorti *qua* wahda ta' revizjoni li mhux dak li tiddeciedi l-kaz mill-gid, f'dan il-kaz, il-piena erogata sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas, jew aktar f'kaz ta' appell mill-Avukat Generali u li kienet fil-parametri tal-ligi. Fi kliem iehor u kif kostantement deciz, din il-Qorti m'ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jirrizultax li l-ewwel Qorti tkun ippekkat fis-sens appena indikat. Sabiex ikun inghad kollox, din il-Qorti b'mod eccezzjonali laqghet talbiet ghall-bdil fil-piena ghal cirkostanzi partikolari hafna fosthom fejn tfaccat *a window of opportunity* ghar-riforma tal-hati jew cirkostanzi specjali ohra;

3. Illi ventilat dan, il-piena erogata mill-ewwel Qorti hija dik kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jigifieri dik kontravenzjonali mizjuda bi grad jew tnejn stante li huwa reat kontinwat fit-termini tal-artikolu 18 tal-istess Kodici. Issa, la darba ma kien hemm l-ebda pattegjament formali l-imputat setgha jistenna li jinghata din il-piena minghajr ebda riduzzjoni. Frankament mill-atti processwali ma temergi l-ebda raguni ghaliex l-imputat kellu jkun trattat b'mod klementi: minkejja li deher quddiem l-ewwel Qorti f'Gunju 2018 dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment f'Novembru u Dicembru, 2017 u Jannar u Frar 2018 ma hallas xejn minn dak minnu dovut u b'hekk ma wera l-

ebda possibilita' li jsir tali hlas li hu intiz ghall-ghixien tal-parti l-ohra u tal-ulied skond il-kaz.

4. Illi tajjeb jew hazin, din il-Qorti kkoncediet differimenti sabiex l-appellant jirregola ruhu u dan in linea mal-hsieb tal-legislatur fil-promulgazzjoni ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jigifieri li l-ordniijiet tal-Qorti jew ftehim kontrattwali bejn il-partijiet f'din il-materja jkunu obduti u onorati ghaliex huma vitali ghall-ghixien tal-parti l-ohra u l-ulied tal-partijiet. Fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti l-kwerelanta ddikjarat illi fil-mori l-appellant kien hallasha s-somma ta' €150. Wara diversi differimenti sabiex il-partijiet jitransigu l-pendenzi ta' bejniethom l-appellant informa lil din il-Qorti permezz ta' nota tal-1 ta' Dicembru 2020 u bin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-parte civile debitament registrata, illi l-arretrati kienu kollha mhallsa fil-mori tal-appell;

5. Illi ghalhekk intlahaq l-ghan tal-legislatur bil-hlas tal-manteniment rikjamat u ghal din ir-raguni tqis li mhux mehtieg li din il-Qorti tinoltra fuq diskussjoni dwar jekk il-piena kienetx misthoqqa jew le skond l-aggravju mressaq mill-appellant ghaliex kif imxiet fil-maggior parti ta' appelli simili ser tghaddi sabiex tvarja l-piena biex tirrifletti c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

6. Ghalhekk anke jekk mhux ghar-ragunijiet kif esposti mill-appellant, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu sejbien ta' htija, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellant ghall-

priġunerija ta' żmien xaharejn (2) u minflok tikkundannah għal-

hlas ta' multa ta' hamsin euro (€50);